**27 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D**

Il-Pulizija

*versus*

Lawrence *sive* Wenzu Spiteri

**Ordinanza dwar id-Dwana – Ordinanza dwar l-Armi – Komputazzjoni tal-Piena Pekunjarja – Nullità ta' Parti mis-sentenza – Konkors ta' Reati u Pieni – Piena Karċerarja**

*Skond l-artikolu 61 tal-Kap. 60 il-piena pekunjarja hi t-total ta' l-ammont tad-dazju pagabbli u d-doppju tal-valur ta' l-oġġetti in kwistjoni.*

*In-nuqqas ta' ċitazzjoni ta' l-artikolu tal-liġi li jikkontempla wieħed mir-reati li tagħhom l-akkużat instab ħati jirrendi s-sentenza nulla kwantu li biha l-appellat instab ħati ta' dak ir-reat; u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha tħassar dik is-sentenza limitatament kwantu jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' dak ir-reat u għandha tipproċedi hi biex tiddeċidi l-każ rigwardanti l-istess reat.*

*Piena karċerarja ta' frazzjoni ta' ġurnata ma hiex waħda skond il-liġi.*

*Is-sentenza għandha tispeċifika jekk il-piena karċerarja hiex waħda ta' priġunerija jew ta' detenzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat akkużat fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana (1) talli fl-24 ta' Diċembru, 1984 u fil-jiem ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu '*Starter pistol*' Mod. 8000 u tliet skrataċ, kaxxa b'36 biċċa ċikkulata *Mars* u kaxxa oħra bi 3 biċċiet *Mars* li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew ristretta u li d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew ikkawtelat bi ksur ta' l-art. 60(a)(b)(ċ) u l-art. 61(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i) u (k) ta' l-ordinanza tad-Dwana tal-Kap. 60 ta' l-Edizzjoni Riveduta, u (2) talli fl-istess żmien kellu l-imsemmi *starting pistol* u munizzjoni mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tat-3 ta' Novembru, 1987 li biha l-Qorti

Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta sabet lill-imputat *ħati skond l-akkuża* u *wara li rat l-artikolu 61 u l-proviso (a)* tal-Kap. 60 ikkundannatu għal Lm46.68,0 multa u piena karċerarja ta' sitt sigħat u ordnat il-konfiska ta' l-arma involuta;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza msemmija billi tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat appellat għall-piena karċerarja ta' sitt sigħat u minflok tagħti dik il-piena ta' priġunerija għal żmien previst mil-liġi, *kif ukoll billi tinfliġġi l-*piena prevista mil-liġi għar-reat ta' pussess ta' arma tan-nar u munizzjon li tiegħu l-ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati u wkoll billi tordna l-konfiska taċ-ċikkulata msemmija fl-imputazzjoni, u tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija;

Rat l-atti l-oħrajn;

Ikkunsidrat illi:

(1) L-aggravji ta' l-appellant huma tlieta:

(a) li l-ewwel Qorti ma nfliġġiet ebda piena għar-reat ta' pussess ta' *starting pistol* u munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija għalkemm dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati ta' dak ir-reat; (b) li l-ewwel Qorti kkundannat lill-imputat għall-piena karċerarja ta' sitt sigħat, liema piena mhix ikkontemplata fil-liġi; u (ċ) li l-ewwel Qorti naqset milli tordna l-konfiska taċ-ċikkulata msemmija fl-imputazzjoni;

(2) Kwantu għall-ewwel aggravju, il-piena pekunjarja ta' sitta u erbgħin lira u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm46.68,0) evidentement ġiet inflitta mill-ewwel Qorti għar-reat tal-pussess

kemm tal-pistola u munizzjon kif ukoll taċ-ċikkulata bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana, ġà Kapitolu 60 tal-Liġijiet ta' Malta, illum Kapitolu 37. Difatti l-piena pekunjarja stabbilita mil-liġi għal dak ir-reat (ara artikolu 62, Kapitolu 37, ġà artikolu 61, Kapitolu 60) hija t-total ta' l-ammont tad-dazju pagabbli u d-doppju tal-valur ta' l-oġġetti in kwistjoni. Issa rriżulta (ara dokument HA a fol. 2 tal-proċess) li d-dazju pagabbli fuq l-oġġetti involuti fil-każ odjern kien:

fuq il-pistola munizzjon..............................Lm12.00,0<br>
fuq iċ-ċikkulata.......................................Lm00.78,0<br>
il-valur tal-pistola u munizzjon kien...Lm15.00,0<br>
u l-valur taċ-ċikkulata..................Lm 1.95,0

---

il-valur totali kien........................Lm16.95,0

---

id-doppju tal-valur kien..............................Lm33.90,0

Piena pekunjarja preskritta u nflitta dwar il-pistola<br>
u l-munizzjoni kif ukoll iċ-ċikkulata...............Lm46.68,0

===

(3) Fis-sentenza appellata, il-piena tal-priġunerija (salv dak li ser jingħad aktar tard fir-rigward tagħha) ġiet, evidentement ukoll inflitta in konnessjoni mal-pussess tal-pistola u munizzjon (u mhux taċ-ċikkulata) bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana. Di fatti fis-sentenza ġie ċċitat il-*proviso* (a) ta' l-artikolu 61 tal-Kapitolu 60 (illum ta' l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37); dan il-*proviso* jimponi l-piena ta' priġunerija f'każ ta' reat bi ksur ta' l-Ordinanza ċċitata li jinvolvi armi tan-nar u munizzjon;

(4) Il-premess jindika li ma ġietx inflitta piena, fis-sentenza appellata, għar-reat tal-pussess tal-pistola u munizzjon mingħajr

liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' liema reat l-imputat appellat ġie misjub ħati. Jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li fis-sentenza appellata ma ġiex iċċitat l-artikolu tal-liġi li jikkontempla dan ir-reat. Dan l-artikolu fid-data tas-sentenza kien 3(1) tal-Kapitolu 106; illum huwa 3(1) tal-Kapitolu 66. Din il-mankanza taċ-ċitazzjoni ta' l-artikolu msemmi, hi vjolazzjoni ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, jirrendi s-sentenza nulla kwantu li biha l-appellat instab ħati tar-reat li kellu l-pussess tal-pistola u l-munizzjon mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tħassar dik is-sentenza limitatament kwantu jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' dak ir-reat, u tipproċedi hi biex tiddeċidi l-każ rigwardanti l-istess reat. Mill-provi proċesswali r-reat in kwistjoni effettivament jirriżulta ppruvat;

(5) Din il-Qorti għalhekk issib lill-appellat ħati tal-pussess tal-pistola u l-munizzjoni mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fil-waqt li l-ewwel Qorti sabitu ħati tal-pussess ta' l-istess oġġetti u ta' ċikkulata bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana. Għalhekk l-appellat huwa ħati ta' konkors ta' reati, b'mod li huwa applikabbli in kwantu għall-piena l-artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9;

(6) Il-piena karċerarja applikata mill-ewwel Qorti, ċjoè "piena karċerarja ta' sitt sigħat", apparti milli ma ġiex speċifikat hijiex priġunerija jew detenzjoni, fil-kwantità hija diversa minn dik ikkomminata mil-liġi. Difatti kif jidher mill-artikolu 16 tal-Kodiċi Kriminali, kwantu għall-pieni restrittivi tal-libertà personali, il-liġi tikkontempla pieni ta' ġranet, xhur u snin. Ma tikkontemplax pieni ta' sigħat jew ta' parti minn ġurnata, la fl-artikolu msemmi u l-anqas f'ebda artikolu ieħor. L-artikoli 11(3), 13(2) u 527(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponu dwar il-

konversjoni fi priġunerija jew detenzjoni ta' multi, ammendi u spejjeż ta' perizji li ma jkunux tħallsu. Fil-każ ta' l-ewwel żewġ artikoli msemmijin il-konversjoni għandha ssir bir-rata ta' ġurnata għal kull ħames liri, u fil-każ tat-tielet artikolu bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsin ċenteżmu. L-aħħar żewġ artikoli ċċitati jiddisponu espressament li r-rata tal-konversjoni għandha tkun ta' ġurnata għal kull ħames liri jew ħamsin ċenteżmu **jew frazzjoni ta' dawn l-ammonti.** Il-premess ma jħallix dubju li piena karċerarja ta' frazzjoni ta' ġurnata m'hix applikabbli skond il-liġi;

(7) L-artikolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 (ġà Kapitolu 60) jiddisponi li f'każ ta' kundanna għall-pussess ta' oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun ipprojbita jew ristretta u li d-dazju relattiv ma jkunx ġie mħallas jew ikkawtelat, l-oġġetti in kwistjoni għandhom jiġu kkonfiskati. L-ewwel Qorti sabet lill-appellat ħati ta' tali reat relattivament għaċ-ċikkulata u ma ordnatx il-konfiska ta' din iċ-ċikkulata;

(d) Mill-premess jidher li l-aggravji ta' l-Avukat Ġenerali huma tlieta sostanzjali u l-Qorti ser tiddispooni mill-appell bil-mod segwenti;

Għall-motivi premessi tilqa' l-appell, u, wara li rat l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66, issib lill-imputat appellat ħati kif akkużat li kellu fil-pussess tiegħu *starter pistol* Mod. 8000 u tlett iskrataċ mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija tikkonferma s-sentenza appellata kwantu li sabet lill-appellat ħati li kellu fil-pussess tiegħu l-oġġetti msemmijin kif ukoll iċ-ċikkulata ndikata fl-akkuża taħt l-artikolu 61 tal-Kapitolu 60 (illum l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37) u fil-waqt li tikkonferma wkoll il-piena inflitta mill-ewwel Qorti ta' Lm46.68,0 multa rat l-artikolu 17(f) tal-

Kodiċi Kriminali dwar il-konkors *tar-reati* u *tal-pieni*, *u biex* tkun infliġġiet fuq l-appellat piena wkoll għar-reat li tiegħu hija stess sabitu ħati, tikkundanna lill-appellat għal multa ta' għaxar liri (Lm10.00,0) b'żieda mal-multa inflitta mill-ewwel Qorti. Inoltre tirrevoka s-sentenza appellata kwantu li biha l-appellat ġiet kkundannat għall-"piena karċerarja ta' sitt sigħat", u minflok tikkundannah għall-priġunerija ta' ġuranta waħda minn liema perijodu għandu jitnaqqas kull perijodu li l-appellant seta' għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ. Fl-aħħarnett tordna l-konfiska taċ-ċikkulata esibita.